# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 6**

**Rikors numru 424/2021/1**

**Yorgen Fenech**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali, Ministeru għall-Intern u Sigurta` Nazzjonali, u Spettur Keith Arnaud għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell intavolat mill-Avukat tal-Istat kontra d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-16 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema ġie kkundannat iħallas ammenda ta' ħames mitt ewro (€500).

2. Din il-kundanna saret mill-Ewwel Qorti wara li ġie għall-attenzjoni tagħha li l-Avukat tal-Istat kien intavola appell minn digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fid-19 ta' Novembru 2021, u l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> "Il-Qorti tirrileva li waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2021 l-Avukat tal-Istat Dr Chris Soler ghall-intimat Kummissarju tal-Pulizija iddikjara li in ottemperanza mad-digriet ta' din il-Qorti u tal-istruzzjonijiet taghha "jiddikjara li l-Kumissarju tal-Pulizija qieghed jobbliga ruhu li ser jesebixxi l-kopja tad-data extraction fl-intier taghha u kif moghtija lilu mill-espert mahtur mill-Magistrat Inkwerenti in adempiment tad-digriet tal-Qorti", u b'hekk irrinunzja ghad-dritt tieghu ta' appell minn digriet ta' din il-Qorti moghti fl-istess gurnata fid-19 ta' Novembru 2021, wara li fuq domanda tal-Qorti kienx ser jappella, wiegeb li ma kienx ser jappella.
>
> Illi kien ghalhekk li l-udjenza tal-lum giet iffissata bi qbil bejn il-partijiet kollha proprju biex rapprezentant tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija jipproduci l-imsemmija traskrizzjoni tal-estrazzjoni li ttiehdet tal-mobile phone jew phones ta' Keith Schembri.
>
> Illi l-Avukat tal-Istat lanqas biss kellu l-minimu tal-kortezija li jinforma lil din il-Qorti, li wara li irrinunzja ghad-dritt ta' appell tieghu minn digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Novembru 2021 iddecieda xorta wahda li jintavola appell mill-imsemmi digriet u b'hekk hela l-hin ta' din il-Qorti u tal-ufficjali taghha.
>
> Tqis illi din l-imgiba tal-Avukat tal-Istat tammonta ghal disprezz lejn l-Awtorita taghha u ghalhekk timmultah hames mitt euro ammenda."

3. L-Avukat tal-Istat ippreżenta appell minn din id-deċiżjoni fl-20 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn ġie misjub ħati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u kkundannatu jħallas ammenda ta' ħames mitt ewro (€500), jew sabiex tirrevoka l-istess deċiżjoni biex b'hekk jiġi meħlus minn kull piena u sejbien ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.

4. Nel frattemp, l-Ewwel Qorti rrevokat minn jeddha *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru 2021 wara li rat l-ispjegazzjoni mogħtija mill-Avukat tal-Istat fir-rikors tal-appell odjern, u dan permezz ta' digriet datat 28 ta' Jannar 2022. Għalhekk illum il-ġurnata l-mertu tal-appell tal-Avukat tal-Istat jinsab eżawrit u jonqos biss li jiġi deċiż il-kap tal-ispejjeż.

5. Il-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji huwa regolat mil-liġi u ċioe` l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> "(1) Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez.
> (2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raguni tajba oħra."

6. Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet. Ma jistax jingħad li xi waħda mill-partijiet f'dawn il-proċeduri hija l-parti sokkombenti u għalhekk l-ebda waħda mill-partijiet m'għandha tbati l-ispejjeż kollha ta' dan l-appell. Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li jkun ġust u raġonevoli li tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 223 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna li l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-Avukat tal-Istat stante li l-mertu ġie eżawrit fil-mori tal-appell, u tordna li l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr